**50. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi, fit-28 ta’ Ġunju, 1976, il-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta daħal fi ftehim ma’ Societè d’Investissement dans les *Enterprises* d’Edition dwar il-formazzjoni tal-Kumpanija TIVUMALTA u fost, ħwejjeġ oħra, dwar l-għoti b’użu mill-Gvern lit-TivuMalta tal-art meħtieġa għall-bżonnijiet tal-istess Kumpanija;

U billi huwa maħsub li:

(a) art fi Guardamagia; u

(b) art fil-limiti tal-Għargħur

deskritti aħjar fl-abbozzi ta’ kuntratti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra, jingħataw b’użu, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozzi lil TIVUMALTA LIMITED;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta’ Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista’ tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi, sew jekk l-Att fuq imsemmi jkun ġie fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment sew jekk le, huwa xieraq li t-trasferiment ta’ l-artijiet fuq imsemmija jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b’dan riżolut li l-artijiet fuq imsemmija jistgħu jiġu trasferiti b’titolu ta’ użu, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozzi ta’ kuntratti li jinsabu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra lil TIVUMALTA LIMITED.

06.05.1977